TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 256/10

**Chandramani Sah u Romina Sah Frendo**

**vs**

**Computer Domain Ltd.**

Illum 3 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€2,325), rappreżentanti spejjeż ta' kors li ta' dan kellhom jiġu rimborsati minn Malta Enterprise għax hekk kien ir-reklam.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma ħallsu għal kors l-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€2,325) għall-ewwel sena taħt l-impressjoni li se jiġu rifużi l-ammont kollu fi tmiem il-kors. Eventwalment irċevew notifikazzjoni minn Malta Enterprise li dan mhux se jkun il-każ. Illi kienu offrew rifużjoni lill-studenti oħra.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti applika għal kors magħruf bħala MCSA għal prezz ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€2,325), pero' wara ftit li beda l-kors ried ibiddel il-kors ta' l-MCSA għall-kors ta' l-HND u minkejja li l-kors ta' l-HND kien ferm ogħla, r-rikorrenti ngħataw *discount* ta' tliet elef, seba' mija u erbgħin ewro (€3,740) u dan sabiex jagħmel tajjeb għad-differenza tat-*tax credit,* kif ukoll illi t-*tax credit* jingħata biss jekk jgħaddi mill-kors.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti talbu sabiex jattendu kors ferm aktar għoli u s-soċjeta' intimata aċċettat ukoll, pero' ħa *discount* fuq it-tieni kors ta' erbat elef u sitt mija u ħamsin ewro (€4,650), għax il-kors kien jiswa' tmint elef, tliet mija u disgħin ewro (€8,390).

It-Tribunal qiegħed jaraha stramba kif fit-tieni kors għal prezz ta' tmint elef, tliet mija u disgħin ewro (€8,390) ingħata *discount* daqshekk għoli sabiex jasal għal prezz ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€2,325), u jidher illi kellu jieħu 70% *tax rebate.*

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti skond l-intimat m'għaddiex l-*assignments* li kellu jagħmel u weħel ukoll mill-kors.

It-Tribunal, għalhekk jikkonsidra li hemm ċertu nuqqasijiet miż-żewġ partijiet, fis-sens illi r-rikorrenti m'għamilx l-*assignments* u s-soċjeta' intimata anke jekk forsi ħasbet li spjegat l-affarijiet sewwa, jidher li kien hemm xi konfużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-prezz mitlub, dak ta' elf, mija u tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmi (€1,162.50), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**